

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026  
(OR. en, de)

9700/26  
ADD 1 REV 1

MAR 80  
TRANS 345  
IND 367  
POLMAR 47

**NOTA**

---

|          |  |
|----------|--|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| lil:     | Kunsill  |
| Suġġett: | Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Industrijali Marittima tal-UE<br>- Approvazzjoni |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija u l-Ġermanja li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija

## Dikjarazzjoni għall-minuti mill-Awstrija u l-Ġermanja

### *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Industrijali Marittima tal-UE*

Qabel kolloxx, jenħtieġ li jiġi nmutat li, fil-livell Ewropew, il-Euratom hija esklużivament responsabbli għall-kwistjonijiet regolatorji u tekniċi relatati mat-teknoloġiji nukleari u r-reqwiziti tas-sikurezza nukleari.

Kwalunkwe applikazzjoni ta' teknoloġiji nukleari jeħtieġ li tiżgura l-ogħla standards ta' sikurezza, sigurtà u salvagwardji nukleari. B'dan il-mod, għandha tingħata l-prijorità dovuta lis-sikurezza nukleari f'konformità mal-istandards ta' sikurezza tal-IAEA u l-qafas tal-Euratom, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali fir-regolamentazzjoni tat-teknoloġiji nukleari f'dan il-kuntest. Dan għandu japplika wkoll għat-tbaħħir marittimu u s-sistemi ta' propulsjoni alternattiva bl-użu ta' enerġija nukleari.

Referenza kwalifikata għar-reqwiziti u l-istandards korrispondenti fir-rigward tat-teknoloġiji nukleari kellha għalhekk tkun ukoll meħtieġa fil-konklużjonijiet.

Mingħajr preġudizzju għar-riżervi eżistenti, il-konklużjonijiet huma appoġġati fl-ispirtu ta' kompromess ġenerali.